-

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Gżira

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 19

[Nhar it-Tlieta 6 ta’ Ottubru 2020]

Il-Kunsilli Lokali l-Gżira ltaqa’ bil-boardroom tal-Kunsill Lokali fil-5pm. Is-Segretarju Ezekuttiv u l-kunsilliera J.Borg kienu prezenti b’mod virtwali minħabba ċ-ċirkostanzi kurrenti.

PREŻENTI:

Conrad Borg Manche – Sindku
Ralph Mangion - Vici Sindku
Neville Chetcuti – Kunsillier
Jeremy Cardona – Kunsillier
Hugh Caruana – Kunsillier
Jessica Borg – Kunsilliera
Shaun Farrugia – Kunsillier
Alexander Zammit - Kunsillier

ASSENTI b’APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Jeremy Cardona – Kunsillier

ASSENTI

n/a

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Anthony Attard – Deputat Segretarju Eżekuttiv

| | |
|---|---|
| 19.1 | Qari tal-ittri ta' apoloġiji |
| 19.1.1 | Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qal illi l-kunsillier J.Cardona talab illi jkun skuzat minħabba li kellu jkun ix-xogħol. It-talba kienet approvata. |
| 19.2 | Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti |
| 19.2.1 | B'referenza għall-punt 18.2.1 il-kunsillier H.Caruana qal illi l-problema bit-telefons tippersisti. Flimkien mall-kunsillier S.Farrugia qal illi hemm kazijiet fejn il-bieb mhux qed tinfetaħ għal kulħadd. Il-kunsillier S.Farrugia semma wkoll illi hemm min mhux qed jaqdi n-nies kif suppost. Qal ukoll illi tnejn biss qegħdin ikunu l-uffiċju. Is-Sindku fakkar illi qed jaħdmu hekk biex jaħdmu f'clusters minħabba ċ-ċirkostanzi kurrenti. |
| 19.2.2 | B'referenza għall-punt 18.3.3 is-Sindku qal illi waqt illi saret l-objection, irid jagħmel kuntatt mall-applikant biex isir laqgħa. |
| 16.2.3 | B'referenza għal punt 18.6.5 il-kunsillier H.Caruana qal illi għad hemm problema ta' aċċess fuq il-bankina minħabba l-imqejjed u siġijiet kif ukoll minħabba min qed ibiegħ il-frott u ħaxix. |
| 19.2.4 | **Il-kunsillier A.Zammit telaq għall-ħabta ta' 18:35**<br><br>Il-kunsillier S.Farrugia ppropona li l-Minuti tal-laqgħa nru. 18 jiġu approvati. Il-kunsillier H.Caruana ssekondaħ. |
| 19.3 | Korrespondenza mas-Sindku |
| 19.3.1 | Temptations: Is-Sindku qal illi sid il-post spjega li għandu problema peress illi l-post zgħir u minħabba ċ-ċirkostanzi ta' llum ħadd ma jista jidħol. B'hekk dan talab illi jagħmel imwejjed u siġġijiet barra. Wara diskussjoni ġie deċiz li la ħaddieħor irid jitfa applikazzjoni mall-Lands, dan għandu jagħmel l-istess. Is-Sindku qal illi hu l-ewwel wieħed li hu kontra l-imwejjed u siġġijiet izda apprezza l-fatt illi sid il-post ġie jitlob għall-permess. Ġie deċiz illi wara li dan japplika ma jkun hemm l-ebda oggezzjoni tal-Kunsill jekk tiġi approvata. |
| 19.3.2 | Petrol Station: Intqal illi l-Prim Imħallef staqsa jekk il-Kunsill sab post alternattiv għall-pompa. Is-Sindku qal illi l-Kunsill m'għandux isib positijiet alternattivi waqt illi din id-deċizjoni se tkompli tieħu postijiet pubbliċi minn idejn il-pubbliku. Qal illi kella ssir fil-ġnien u jkun hemm leak, se tagħmel ħsara enormi lis-siġriet kollha fil-viċinanza. |

| | |
|---|---|
| | Il-kunsillier S.Farrugia qal illi l-avukata taf x'inhi tagħmel u niddependu fuqha. Il-kaz se tinqata fil-15 ta' Ottubru. Is-Sindku qal illi l-permess qatt ma kella toħroġ u kien hemm talba mill-Kunsill qabel is-sena 2000 biex din minflok isir ġewwa Ta'Xbiex izda issa l-affarijiet, u n-nies, inbiddlu. Waqt illi qabel kien hemm il-ħsieb illi se ssir il-link road, din issa mhix se ssir u m'hemmx raġunijiet biex jieħdu parti mill-ġnien għal pompa. Qal illi kien hemm 2500 firem fil-petizzjoni u stenna aħjar minn hekk.<br>Wara diskussjoni kien hemm qbil illi l-area li se tittieħed skont l-applikazzjoni tingħalaq bit-tape u jkun hemm bilboard u press conference fejn juru x'se tittieħed mill-pubbliku biex isir din il-pompa. Il-Press Conference se ssir is-Sibt 10 ta' Ottubru fid-9.30am. |
| 19.4<br><br>19.4.1 | **Mistoqsijiet tal-kunsilliera**<br><br>Il-kunsillier H.Caruana staqsa dwar il-bollards li qed isiru madwar il-lokalita u jekk dawn qed isire bl-ispejjez tal-Kunsill. Is-Sindku kkonferma li saru minn naha tal-Kunsill biex inzommu kontroll fuqhom. Il-kunsillier S.Farrugia qal illi ma jaqbilx maghhom ghax hu skomdu biex tipparkja bihom la wiehed ma jarahomx sew.Is-Sindku qal illi dawn isiru mall-kantunieri waqt illi ma jafx illi saru fejn garaxxijiet hlief xi kaz fejn ircieva lmenti ghax kien hemm abbuzzi u ma kienx hemm azzjoni. Zied illi jekk iridu li jitnehhew, dawn jitnehhew. |
| 19.5<br><br>19.5.1 | **Rapporti**<br><br>Ma kien hemm l-ebda rapport. |
| 19.6 | ***Items* oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa** |
| 19.6.1 | Il-kunsillier S.Farrugia talab illii tinxtara compactor biex nevitaw li tinqala t-tarmakk illi ssir. Kien hemm qbil. |
| 19.6.2 | Il-Vici Sindku qal illi hemm straws tal-istainless steel u talab illi nordnaw ftit minnhom u naghmlu l-logo tal-Kunsill. Ittiehdet decizjoni biex naraw kemm jiswew biex il-Kunsill jaghmel il-parti tieghu biex nevitaw izjed uzu tal-plastikk. |
| 19.6.3 | Il-kunsillier N.Chatcuti staqsa fejn wasalna bil-proposta biex iz-zibel tingabar fis-6pm. Id-DSE qal illi t-talba ilha li intbaghtet izda mill-esperjenza din idum sakemm tinbiddel il-ligi jekk tigi approvata.<br><br>Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi ghaddew tlett sighat. Kien hemm qbil illi l-laqgha titkompla.Il |
| 19.7 | **Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti** |

| | |
|---|---|
| 19.7.1 | Il-kunsillier N.Chetcuti ppropona li tigi approvata l-iskeda tal-pagamenti. Il-kunsillier I.Buhagiar issekondah. Kien hemm qbil unanimu |
| **19.8** | **Mozzjoni** |
| 19.8.1 | Is-Sindku pprezenta mozzjoni li giet issekondata mill-kunsillier I.Buhagiar. Fil-mozzjoni spjega dwar il-hsieb illi tinqeleb il-parking ta' triq Luqa Briffa peress illi kif saret, qed tohloq inkonvenjenza meta taghmel ix-xita u zzomm l-ilma.<br>Il-Vici qal illi jekk isir hekk se nitilfu hafna parkinig.<br>Wara diskussjoni, giet deciza li din tigi diskussa f'laqgha ohra. |
| **19.9** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.** |
| 19.9.1 | Il-laqgha intemmet ghall-habta ta' 8.40pm. Is-seduta li jmiss se tkun nhar it-Tlieta 3 ta' Novembru 2020 fil-5pm. Is-Segretarju Ezekuttiv fakkar illi hemm bzonn isir laqgha mall-accountant minhabba il-Financial Statements. Din il-laqgha giet skedata ghal nhar il-Hamis 15 ta' Ottubru 2020 fl-4.30pm. Is-Sindku qal illi sa dakinhar se jkun hemm decizjoni fuq il-pompa tal-petrol u b'hekk jixtieq illi tigi diskussa fl-Agenda wkoll peress illi se nkunu marbutin bil-hin biex niehdu decizjoni fuqha. |
| | |

Konfermati, illum 3 ta’ Novembru 2020.

IFFIRMATA

Conrad Borg Manche
Sindku

IFFIRMATA

Anthony Attard
Dep. Segretarju Eżekuttiv